C/2024/3266

22.5.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11493 — WÜRTH GROUP / IDG01)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/3266)

1. Fl-14 ta' Mejju 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— W.EG Italia S.r.l. ("W.EG", l-Italja), ikkontrollata mill-grupp Adolf Würth GmbH & Co. KG ("Würth Group", il-Ġermanja),

— IDG01 S.p.A. ("IDG01", l-Italja), ikkontrollat minn IDG S.p.A. ("IDG", l-Italja).

Würth Group se jakkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' IDG01 kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Würth Group huwa bejjiegħ bl-ingrossa internazzjonali u negozju tal-manifattura bin-negozju ewlieni tiegħu jkun il-bejgħ, l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' materjali tal-assemblaġġ u tal-irbit.

— IDG01 huwa distributur bl-ingrossa speċjalizzat prinċipalment fil-bejgħ ta' prodotti elettriċi, kif ukoll ta' prodotti tat-tisħin, tal-plumbing u sanitarji, fl-Italja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi [2], jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11493 — WÜRTH GROUP / IDG01

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz tal-posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.